

FTEHIM TA' COTONOU AKP-UE

**GRUPP TA' STATI
AFRIKANI, TAL-KARIBEW U TAL-
PAĊIFIKU**

**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

Brussell, 13 ta' April 2016

AKP/21/003/16

AKP-UE 2112/16

DOKUMENT KONĠUNT AKP-UE

Suġġett: Rapport mill-Kunsill tal-Ministri AKP-UE lill-Assemblea Parlamentari Konġunta
AKP-UE dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-AKP u l-UE fl-
2015

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tal-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif l-ewwel emendat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005, u emendat għat-tieni darba f'Ouagadougou fit-23 ta' Ġunju 2010, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim ta' Sħubija bejn l-AKP u l-UE", il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE b'dan jippreżenta lill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE r-rapport tiegħu dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fl-2015.

RAPPORT MILL-KUNSILL TAL-MINISTRI AKP-UE
LILL-ASSEMBLEA PARLAMENTARI KONĠUNTA AKP-UE
DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-FTEHIM TA' SĦUBIJA
BEJN L-AKP U L-UE

(2015)

WERREJ

Pàġna

I.	Introduzzjoni	4
II.	Attivitajiet tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE u l-korpi preparatorji tiegħu f'oqsma speċifiċi ta' kooperazzjoni	5
1.	Kooperazzjoni politika	5
2.	Żvilupp ekonomiku	6
3.	Kooperazzjoni kummerċjali	6
4.	Kooperazzjoni finanzjarja għall-iżvilupp	6
III.	Ħarsa ġenerali lejn il-ħidma tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE u l-korpi preparatorji tiegħu u dokumenti adottati	7
1.	Laqgħat	7
2.	Deċiżjonijiet	8
3.	Dokumenti politiċi	8

I. INTRODUZZJONI

Is-sena 2015 kienet karatterizzata minn diskussjonijiet intensi dwar l-iżvilupp tas-settur privat f'pajjiżi tal-AKP kif ukoll minn kooperazzjoni msaħħa bejn l-Unjoni Ewropea u l-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku f'fora internazzjonali bil-ħsieb ta' diskussjonijiet dwar il-qafas ta' wara l-2015. Il-partijiet kellhom ukoll l-ewwel diskussjoni dwar il-qafas ta' wara l-2020. Minbarra dan, l-avvenimenti traġiċi ta' April 2015 fil-Mediterran wasslu għal dibattitu sostanzjali fil-Kunsill tal-Ministri AKP-UE dwar il-migrazzjoni.

B'mod parallel, il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE, assistit mill-korpi preparatorji tiegħu, komplaw jżviluppa kooperazzjoni AKP-UE f'oqsma oħra relatati mat-tliet pilastru tagħha: il-kooperazzjoni politika, il-kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali u l-kooperazzjoni finanzjarja għall-iżvilupp.

II. ATTIVITAJIET TAL-KUNSILL TAL-MINISTRI AKP-UE U L-KORPI PREPARATORJI TIEGĦU F'OQSMA SPEĊIFIĊI TA' KOOPERAZZJONI

1. Kooperazzjoni politika

Fl-2015, il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE u l-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE ffukaw fuq il-kooperazzjoni politika fi tliet oqsma: l-Aġenda għall-Iżvilupp għal wara l-2015, il-migrazzjoni u r-relazzjonijiet bejn l-AKP u l-UE wara l-2020.

Il-qafas globali għal wara l-2015 ġie diskuss bħala tħejjija għat-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp f'Addis Ababa f'Lulju 2015 u s-summit tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) għall-adozzjoni tal-aġenda għall-iżvilupp għal wara l-2015 fi New York f'Settembru 2015, b'kont meħud tal-fatt li l-ftehim dwar l-Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli għal wara l-2015 ikollu wkoll implikazzjonijiet importanti għan-negozjati taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima.

Il-migrazzjoni kienet it-tieni tema dominanti fil-kooperazzjoni AKP-UE fl-isfera politika. L-avvenimenti traġiċi f'April 2015 fil-Mediterran taw impetu lid-djalogu AKP-UE dwar din il-kwistjoni importanti. Wara skambju ta' fehmiet, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjonijiet mill-laqgħa tal-esperti AKP-UE dwar it-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti (AKP/28/006/15 - AKP-UE 2111/15).

Bdew id-diskussjonijiet inizjali dwar ir-relazzjonijiet bejn l-AKP u l-UE wara l-2020, hekk kif iż-żewġ naħat taw ħarsa ġenerali tas-sitwazzjoni attwali u l-passi li jmiss fil-proċess ta' riflessjoni interna tagħhom stess.

Fil-laqgħa tiegħu ta' Mejju, il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE eżamina r-riżultati tas-sessjonijiet tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE li saru fl-2014 fi Strasburgu u adotta r-rapport lill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE fl-2014.

2. Żvilupp ekonomiku

L-istrategġiji għall-iżvilupp ekonomiku kienu fuq quddiem nett tal-aġenda tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE u l-korpi preparatorji tiegħu b'żewġ temi ewlenin: il-futur tal-appoġġ mill-UE għall-iżvilupp tas-settur privat tal-AKP u ċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi (ĊŻI).

3. Kooperazzjoni kummerċjali

Il-kooperazzjoni kummerċjali kellha post prominenti fuq l-aġenda tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE u l-korpi preparatorji tiegħu: din ġiet diskussa kemm fil-livell Ministerjali (mill-Kunsill tal-Ministri AKP-UE u l-Kumitat Ministerjali Konġunt tal-Kummerċ AKP-UE) kif ukoll fil-livell tal-uffiċjali għolja (Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, Sottokumitat dwar il-Kooperazzjoni Kummerċjali). Id-dibattiti kummerċjali ffukaw fuq (1) Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika, (2) l-impatt ta' ftehim dwar Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP) fuq il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, (3) il-ġestjoni tal-estrazzjoni u r-riżorsi naturali u (4) l-komoditajiet.

Fir-rigward tal-FSE, is-sena 2015 ġabet magħha progress importanti fil-proċess tan-negożjati. Il-proċess ta' ffirmar għall-FSE tal-Afrika tal-Punent, li beda f'Diċembru 2014, kien għaddej. Barra minn hekk, kemm il-FSE tas-SADC u l-FSE tal-EAC ġew inizjalati u kienet qed titwettaq il-finalizzazzjoni legali tagħhom.

Il-Kumitat Ministerjali Konġunt tal-Kummerċ AKP-UE u s-Sottokumitat dwar il-Kooperazzjoni Kummerċjali ddiskutew ukoll temi oħra relatati mal-kummerċ: In-negożjati tal-UE ma' pajjiżi terzi, miżuri nontariffarji, l-iskema riformata tas-SĠP tal-UE, ir-regoli tal-oriġini, l-Aġenda għal wara l-2015, il-kwistjonijiet tad-WTO u l-bini tal-kapaċità kummerċjali.

4. Kooperazzjoni finanzjarja għall-iżvilupp

Fil-qasam tal-kooperazzjoni finanzjarja għall-iżvilupp, il-Finanzjament tal-Aġenda għall-Iżvilupp għal wara l-2015, u l-11-il FEŻ (Programmazzjoni intra-AKP, programmazzjoni nazzjonali u reġjonali u l-Faċilità ta' Transizzjoni) kienu fil-mira prinċipali tad-diskussjonijiet fl-istituzzjonijiet konġunti.

III. ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL TAL-MINISTRI AKP-UE UL-KORPI PREPARATORJI TIEGĦU U D-DOKUMENTI ADOTTATI

1. Laqgħat

Bil-ksieb li jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti fil-Ftehim ta' Sħubija bejn l-AKP u l-UE, fl-2015 saru l-laqgħat li ġejjin tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE u l-korpi preparatorji tiegħu:

- Kunsill tal-Ministri AKP-UE (Brussell, 28-29 ta' Mejju 2015)¹;
- Kumitat ta' Kooperazzjoni għall-Finanzjament tal-Iżvilupp AKP-UE (Ministri) (Brussell, 28 ta' Mejju 2015)²;
- Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE (Brussell, 17 ta' April 2015)³;
- Sottokumitat dwar il-Kooperazzjoni Kummerċjali AKP-UE (Brussell, 27 ta' Marzu 2015)⁴;
- Kumitat ta' Kooperazzjoni għall-Finanzjament tal-Iżvilupp AKP-UE (rappreżentanti awtorizzati) (Brussell, 14 ta' April 2015).

Dettalji tal-laqgħat tal-istituzzjonijiet imsemmijin hawn fuq huma stabbiliti fl-eżiti tal-proċedimenti mil-laqgħat tagħhom.

Il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE kellu wkoll dibattiti mal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE, fid-29 sessjoni ta' din tal-aħħar, li saret f'Suva, Fiġi mill-15 sas-17 ta' Ġunju 2015 u fit-30 sessjoni, li saret fi Brussell mis-7 sad-9 ta' Diċembru 2015.

¹ Eżitu tal-proċedimenti: AKP/21/001/16 - AKP-UE 2103/16

² Rapport bil-fomm mil-laqgħa huwa anness għall-Eżitu tal-Proċedimenti tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE (AKP/21/001/16 - AKP-UE 2103/16)

³ Eżitu tal-proċedimenti: AKP/22/001/16 - AKP-UE 2102/16

⁴ Eżitu tal-proċedimenti: AKP/61/001/16 - AKP-UE 2101/16

2. Deċiżjonijiet

Fl-2015, ġiet adottata d-Deċiżjoni li ġejja fil-kuntest tal-ilħuq tal-oġettivi stabbiliti fil-Ftehim ta' Sħubija bejn l-AKP u l-UE:

- Deċiżjoni Nru 1/2015 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tat-12 ta' Ottubru 2015 li taħtar membru tal-Bord Eżekuttiv taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA)⁵.

3. Dokumenti politiċi

Il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE adotta d-dokumenti li ġejjin ta' natura politika:

- Rapport mill-Kunsill tal-Ministri AKP-UE lill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-AKP u l-UE fl-2014⁶, adottat mill-Kunsill tal-Ministri AKP-UE fid-29 ta' Mejju 2015;
- Djalogu AKP-UE dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp - Rakkomandazzjonijiet mil-laqgħa tal-esperti AKP-UE dwar it-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti⁷, adottati mill-Kunsill tal-Ministri AKP-UE fid-29 ta' Mejju 2015.

⁵ AKP/84/065/15 - AKP-UE 2118/15

⁶ AKP/21/001/15 - AKP-UE 2110/15

⁷ AKP/28/006/15 - AKP-UE 2111/15